MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Rikors Numru. 237/2015

**Vica Limited (C 1965)**

**vs**

**L-Avukat Dottor Kris Borg (ID Nru: 10768M) fil-vesti tiegħu ta' likwidatur, f'isem u għan-nom tas-soċjetà Terry Limited (C 4920)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti li bih ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

*Illi s-soċjetà rikorrenti kienet daħlet f'konvenju mas-soċjetà Terry Limited, kif hawn rappreżentata mil-likwidatur l-Avukat Dottor Kris Borg, skont skrittura datata 23 ta' Jannar, 1995 b'liema skrittura s-soċjetà Terry Limited kienet intrabtet li tbigħilha, skont il-kundizzjonijiet hemm indikati, art fil-Fgura kif deskritta aħjar fl-istess skrittura;*

*Illi s-soċjetà Terry Limited naqset milli tottempera ruħha mal-kundizzjonijiet ta' 'l fuq imsemmi konvenju, fosthom illi tottjeni r-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni li kien jipprojbixxi t-trasferiment tal-art mertu ta' dan il-konvenju u minħabba f'hekk l-istess Terry Limited ma kinitx f'pożizzjoni li tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' trasferiment relattiv;*

*Illi s-soċjetà rikorrenti pproċediet quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta u talbet illi Terry Limited tiġi kkundannata illi fi żmien qasir u perentorju tagħmel dakollu meħtieġ u tagħti dawk il-garanziji opportuni u idonei sabiex il-mandat ta' inibizzjoni fuq riferit jiġi mneħħi u rrevokat u sussegwentement tersaq għall-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjetà mertu tal-konvenju fuq imsemmi bil-prezz u termini kollha kontemplati u stipulati fil-preċitat konvenju;*

*Illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti ntlaqgħet permezz ta' sentenza mogħtija fl-4 ta' Frar, 1998 minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet* ***Vica Limited vs Terry Limited*** *(Ċitazz. Nru: 3370/96) li kopja tagħha ġiet annessa u mmarkata bl-ittra "A";*

*Illi l-Avukat Dottor Kris Borg ġie maħtur bħala likwidatur tas-soċjetà Terry Limited permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli*

*Qorti kif diversament presjeduta mogħti minnha fit-23 ta' Frar, 2011 fil-mori tal-proċeduri għall-istralċ ta' din l-istess soċjetà mibdija b'rikors fl-ismijiet **Vica Limited vs Terry Limited et** (Rikors Nru 1013/2002);*

*Illi l-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi ġie rimoss permezz ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Ġunju, 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe** (Ċitazz Nru: 512/1989), liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2014;*

*Illi sal-lum il-kuntratt ta' trasferiment fuq imsemmi għadu ma ġiex ippubblikat u s-soċjetà rikorrenti għandha interess illi tesegwixxi s-sentenza fuq imsemmija tal-4 ta' Frar, 1998, iżda peress illi għaddew aktar minn għaxar snin mid-data li fiha s-sentenza fuq imsemmija setgħet tiġi eżegwita hija tinħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista' tagħmel dan;*

*Illi inoltre permezz tal-fuq imsemmija sentenza:*

- *ġie deċiż illi l-att relattiv għandu jiġi ppubblikat f'dik id-data, ħin u lok li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti wara rikors opportun; u wkoll*
- *ġie nominat sabiex jaġixxi ta' kuratur deputat sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon LL.D. li llum ġie elevat għall-ġudikatura;*

*Illi għal din ir-raġuni appena msemmija, is-soċjetà rikorrenti għandha interess illi tiġi nominata persuna ġdida sabiex taġixxi*

*ta' kuratur deputat għall-iskopijiet ta' 'l fuq imsemmija sentenza u wkoll illi jiġu ffissati data, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment;*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti qed titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1) *tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti teżegwixxi l-preċitata sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Frar, 1998;*
2) *tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-att ta' trasferiment;*
3) *tiffissa data, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment tal-proprjetà mertu tal-preċitat konvenju fuq imsemmi bil-kundizzjonijiet, prezz u termini kollha kontemplati u stipulati fl-istess konvenju.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà intimata.*

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' April, 2015, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' April, 2015.

Rat in-nota tal-Avukat Kris Borg bħala likwidatur tas-soċjetà intimata ppreżentata waqt is-seduta tat-13 ta' April, 2015 fejn irrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda l-provi dokumentali mressqin mis-soċjetà rikorrenti.

Semgħet lid-difensur tas-soċjetà rikorrenti jittratta r-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għas-seduta tat-30 ta' April, 2015 għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni taħt l-artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex sentenza li għaddiet f'ġudikat terġa' tiġi reża eżegwibbli wara li għaddew iżjed minn għaxar snin minn meta ngħatat.

Illi jirriżulta li din is-sentenza qatt ma ġiet appellata u għalhekk għaddiet in ġudikat.

Rat li l-mandat ta' inibizzjoni li kien jipprojbixxi t-trasferiment tal-art mertu tal-konvenju inkwistjoni, ġie rimoss permezz ta' sentenza mogħtija minn din Qorti kif diversament ippresjeduta fis-17 ta' Ġunju, 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe** (Ċitazz Nru: 512/1989), liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2014.

Rat li sallum il-kuntratt ta' trasferiment inkwistjoni għadu ma ġiex ippubblikat ai termini tas-sentenza tal-4 ta' Frar, 1998 mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Vica Limited vs Terry Limited** (Ċitazz. Nru: 3370/96).

Illi għaddew aktar minn għaxar snin minn din is-sentenza.

Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà rikorrenti preżenżjalment qed titlob lil din il- Qorti sabiex tirrendi eżegwibbli s-sentenza tagħha fuq imsemmija tal-Prim'Awla kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi, is-soċjetà intimata tkun ordnata tersaq għall-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjetà kif deskritta fl-istess sentenza, bil-kundizzjonijiet, prezz u termini ikkontemplati u stipulati fil-preċitat konvenju bejn il-partijiet li jġib id-data tat-23 ta' Jannar, 1995.

Billi din is-sentenza baqgħet ma ġietx eżegwita, u għaddew għaxar snin minn meta setgħet tiġi eżegwita ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi:

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti, qegħda:**

**1) tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti teżegwixxi l-preċitata sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippresjeduta mogħtija fl-4 ta' Frar, 1998 (Ċitazz. Nru: 3370/96);**

**2) tinnomina lill-Avukat Renzo Porsella Flores bħala kuratur deputat sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-att ta' trasferiment;**

**3) l-att ta' trasferiment tal-proprjetà mertu tal-preċitat konvenju**

**fuq imsemmi, għandu jigi ppublikat min-Nutar Tonio Spiteri bil-kundizzjonijiet, prezz u termini kollha kontemplati u stipulati fl-istess konvenju fid-9 ta' Lulju, 2015 fis-1.00 p.m. fil-bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------